



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Mejju 2024
(OR. en)

10142/24

ESPACE 52

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	23 ta' Mejju 2024
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9318/24	
Suġġett:	It-tisħiħ tal-kompetittività tal-Ewropa permezz tal-ispazju - konklużjonijiet tal-Kunsill (approvati fit-23 ta' Mejju 2024)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar *It-tisħiħ tal-kompetittività tal-Ewropa permezz tal-ispazju*, approvati mill-Kunsill fl-4026 laqgħa tiegħu li saret fit-23 ta' Mejju 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "It-tisħiħ tal-kompetittività tal-Ewropa permezz tal-ispazju"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR

- A. fil-Konvenzjoni tal-1975 għall-istabbiliment ta' Aġenzija Spazjali Ewropea;
- B. fil-Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea – li mbagħad saret l-Unjoni Ewropea – u l-Aġenzija Spazjali Ewropea, li daħal fis-seħħ fl-2004 u li din is-sena qed jiċċelebra l-20 anniversarju tiegħu;
- C. fil-Ftehim bejn l-Aġenzija Spazjali Ewropea u l-Unjoni Ewropea dwar is-sigurtà u l-iskambju ta' informazzjoni kklassifikata, li daħal fis-seħħ fl-2008;
- D. fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li daħal fis-seħħ fl-2009;

I. Il-kontribut tal-ispazju għall-kompetittività Ewropea u l-isfidi tas-soċjetà

1. JENFASIZZA t-trasformazzjoni tas-settur spazjali fil-livell globali kif ukoll ir-rwol bla preċedent tal-ispazju biex jiġi ddeterminati l-prosperità, il-kompetittività, is-sikurezza, is-sigurtà u t-teħid ta' deċiżjonijiet awtonomu tal-Ewropa; JINNOTA s-saħħa tas-settur spazjali Ewropew u l-eċċellenza tiegħu fit-teknoloġija spazjali, ix-xjenza, ir-riċerka, il-ħiliet, is-servizzi u l-applikazzjonijiet, kif ukoll l-industrija spazjali b'saħħitha u diversifikata tiegħu; JENFASIZZA li l-programmi spazjali Ewropej huma importanti għall-politiki u l-azzjoni strateġika u biex jagħmlu lill-Ewropa u l-industrija spazjali tagħha aktar reżiljenti u kompetittivi; IFAKKAR li dawn il-programmi għandhom jibqgħu ta' benefiċċju għall-Istati Membri kollha tal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) u tal-Unjoni Ewropea (UE) u jipprovdu aċċess inklużiv għall-fażijiet differenti tagħhom f'konformità mar-regoli rispettivi tagħhom u b'rispett sħiħ tal-kuntesti istituzzjonali u l-oqfsa operazzjonali tagħhom;
2. JENFASIZZA li l-kapaċitajiet spazjali fil-livell tal-UE, l-ESA u l-Istati Membri jaqdu rwol ewlieni fid-definizzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki u l-azzjoni strateġika għall-finijiet tal-kooperazzjoni internazzjonali, il-benefiċċji soċjoekonomiċi u Ewropa aktar kompetittiva u reżiljenti, inkluż permezz iżda mhux limitat għal:
 - a. servizzi bbażati fl-ispazju li jippermettu lill-industrija tkun fuq quddiem nett fl-iżvilupp teknoloġiku, u b'hekk tissaħħaħ il-kompetittività tal-Ewropa fis-setturi kollha;
 - b. il-kapaċità unika tal-ispazju li jappoġġa l-azzjoni klimatika, il-protezzjoni ambjentali u t-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż permezz tal-kontributi estensivi tas-servizzi u l-applikazzjonijiet ta' Copernicus, li jaġixxu bħala faċilitatur għall-Patt Ekoloġiku Ewropew, u billi jitqies l-aċċelleratur tal-Ispazju għal Futur Ekoloġiku;

- c. l-appoġġ għall-influenza u t-tmexxija tal-Ewropa fin-negozjati internazzjonali dwar l-ambjent u l-klima;
 - d. il-kontribut tad-data u s-servizzi bbażati fl-ispazju biex jgħinu b'mod partikolari lill-industrija tnaqqas l-impronta ambjentali tagħha permezz tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet u tal-ġestjoni tar-riżorsi naturali;
 - e. ir-rwol tal-ispazju bħala faċilitatur biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tat-tranżizzjoni diġitali, biex tiżdied il-konnettività globali u biex jingħalaq id-distakk diġitali, li jippermetti lill-kumpaniji jnaqqsu l-kostijiet u jtejbu l-effiċjenza permezz ta' soluzzjonijiet diġitali bbażati fl-ispazju;
 - f. integrazzjoni aktar profonda bejn it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali sabiex jibbenefikaw mill-aħħar teknoloġiji biex jinftiehem l-impatti klimatiċi attwali u futuri, inkluż billi tiġi pprovduta trasparenza f'każijiet ta' kriżijiet u diżastri, kif ukoll billi jiġu pprovduti soluzzjonijiet ġodda għal dawn l-isfidi u tingħata għajjnuna biex jiġu protetti l-ħajjiet u l-għajxien permezz ta' sistemi spazjali;
 - g. is-setgħa trasformattiva tal-iskoperta xjentifika, li għaliha jikkontribwixxi l-ispazju, kif ukoll l-importanza tax-xjenza u t-teknoloġija biex jikkontribwixxu għal soċjetà bbażata fuq l-għarfien;
3. JENFASIZZA li l-ispazju jikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku u l-prosperità Ewropej ġenerali u li s-settur spazjali Ewropew għandu potenzjal innovattiv u kummerċjali kbir, b'livell dejjem jiżdied iżda li għadu limitat ta' involviment privat; għalhekk, JILQA' l-potenzjal għal aktar tkabbir u diversifikazzjoni ta' Spazju Ġdid Ewropew, inkluż atturi spazjali emerġenti, kif ukoll tas-settur spazjali tradizzjonali, b'sistemi, applikazzjonijiet, servizzi u data spazjali li qed iservu dejjem aktar bħala pedament essenzjali f'suq multisettorjali; u JENFASIZZA l-benefiċċju li l-Ewropa tkun port għal żvilupp kompetittiv u sostenibbli tan-negozju marbut mal-ispazju; JISSOTTOLINJA wkoll ir-rwol tal-ESA, tal-Unjoni Ewropea, inkluż il-Kummissjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali, kif ukoll tal-Istati Membri biex jitrawwem l-iżvilupp ta' ekosistema spazjali Ewropea b'saħħitha;

4. JENFASIZZA li, filwaqt li jitqiesu l-programmi u l-inizjattivi nazzjonali, il-potenzjal li għadu mhux sfruttat tas-settur spazjali biex tingħata spinta lill-ekonomija u l-kompetittività tal-Ewropa għandu jiġi sfruttat fuq l-isfond ta' kummerċjalizzazzjoni globali rapida u kompetizzjoni globali dejjem akbar fis-settur spazjali; u JENFASIZZA li s-soluzzjonijiet ibbażati fl-ispazju għandhom għalhekk jiġu integrati b'mod aktar qawwi fis-setturi mhux spazjali, u viċi versa;

II. Spinta lill-kompetittività tas-settur spazjali Ewropew

5. JISSOTTOLINJA li l-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-utenti tas-setturi mhux spazjali u tas-swieq kummerċjali huma mutur ewlieni għas-settur spazjali Ewropew; JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jiżdied l-użu mill-utenti ta' data u servizzi bbażati fl-ispazju billi titkompla s-sensibilizzazzjoni u jitrawwem djalogu fost l-utenti potenzjali f'diversi setturi dwar il-benefiċċji li jistgħu joffru data u servizzi bbażati fl-ispazju azzjonabbli u xprunati mill-utenti għall-avvanz tal-kompetittività fl-industriji kollha, u li tkompli tiġi żviluppata data spazjali dejjem aktar aċċessibbli, utilizzabbli u azzjonabbli li tkun rilevanti kemm għall-gruppi ta' utenti stabbiliti, ġodda kif ukoll għal daww potenzjali u biex tithegħeġ l-adozzjoni tagħha;
6. JENFASIZZA li settur spazjali Ewropew kompetittiv jeħtieġ li jkompli jiżgura l-investimenti u l-kapaċitajiet spazjali pubbliċi u privati, kif ukoll jiżgura t-tnejja, inkluż il-kapaċità teknika u finanzjarja, tas-settur privat biex jieħu r-riskji; JILQA' l-fatt li ż-żieda fl-akkwist ta' servizzi tippromwovi t-trasferiment tar-responsabbiltà u l-awtorità għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-missjoni lil intrapriżi privati, fejn xieraq;
7. JENFASIZZA l-benefiċċji potenzjali għall-operaturi u l-fornituri tas-servizzi u tal-applikazzjonijiet ta' skemi ankrati ta' akkwist tal-klijenti u d-domanda aggregata; u JISSOTTOLINJA l-importanza ta' proċessi ta' akkwist pubbliku miftuħa, ġusti u trasparenti li jappoġġaw l-iżvilupp ta' industrija spazjali Ewropea diversifikata u innovattiva;

8. JIRRIKONOXXI li t-teħid tar-riskji u l-kondiviżjoni tar-riskju huma kruċjali għal settur spazjali Ewropew aktar kompetittiv; u JISSOTTOLINJA l-hteġa għal approċċ imfassal apposta għar-riskji u r-rekwiżiti, li jwassal għal kisbiet fl-effiċjenza u l-profittabbiltà f'dak is-settur;
9. JISSOTTOLINJA skemi innovattivi fil-livell nazzjonali u Ewropew, bħal CASSINI u n-Network tal-Investituri tal-ESA, biex jappoġġaw mudelli ta' kofinanzjament flimkien ma' sforzi kkombinati biex jiżdied l-aċċess għall-finanzjament għall-atturi Ewropej kollha, speċjalment negozji ġodda u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u inkluż permezz tat-trawwim ta' finanzjament ibbażat fuq l-assi; u JAPPELLA lis-settur privat biex jistimula l-investimenti fl-industrija spazjali Ewropea u biex jappoġġa l-innovazzjoni fixkiela u javvanza t-tħejjija teknoloġika; JISĦAQ fuq ir-rwol tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fl-ispazju u l-kontribut tagħhom għall-innovazzjoni u l-kompetittività tas-settur spazjali Ewropew; u JIRRIKONOXXI li s-suċċess fit-tul tal-Ewropa jiddependi fuq l-isfruttar tal-potenzjal tal-innovazzjoni tal-intrapriżi ta' kull daqs madwar l-ESA u l-Istati Membri kollha tal-UE;
10. JIRRIKONOXXI li l-istabbiltà u l-prevedibbiltà fl-ambjent tan-negozju spazjali ser jinkoraġġixxu aktar investiment privat; JINNOTA li l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jappoġġjaw l-iżvilupp ta' opportunitajiet ġodda ta' negozju fl-ispazju;
11. JENFASIZZA l-importanza u l-effett multiplikatur tan-nefqa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp spazjali u l-effetti konsegwenzjali pożittivi tagħha tat-teknoloġiji spazjali fuq l-ekonomija Ewropea usa'; JINNOTA l-hteġa li s-settur spazjali jsir aktar attraenti sabiex jiġu attirati u miżmuma t-talent u forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati, filwaqt li jibnu fuq l-eċċellenza tal-ħiliet u t-talent fl-Ewropa; JISĦAQ fuq il-hteġa li jiżdiedu l-isforzi ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid ta' ħiliet;

12. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-kumpaniji jiġu meġġuna jipproċessaw id-data spazjali b'mod aktar rapidu u preċiż, u b'hekk l-informazzjoni spazjali tinbidel f'għarfien azzjonabbli; u JISĦAQ fuq l-importanza li l-awtoritajiet pubbliċi jkollhom aċċess adegwat għad-data u l-kapaċitajiet meħtieġa biex jimplimentaw politiki u jippermettu servizzi relatati mal-ispazju bil-livell meħtieġ ta' indipendenza, affidabbiltà u kosteffiċjenza; JINNOTA wkoll il-ħtieġa għal ġestjoni u protezzjoni effettivi tad-data spazjali, mirfuda minn impenn għas-sigurtà tad-data;

III. L-ispazju bħala s-sinsla għal azzjoni globali Ewropea

13. JINSAB KONVINT mill-ħtieġa li l-ESA, l-UE u l-Istati Membri rispettivi tagħhom jistinkaw, fejn xieraq f'konsultazzjoni mas-settur privat, għal regoli globali progressivi u l-aħjar prattiki fl-ispazju, biex jippermettu impatt Ewropew u pożizzjoni b'saħħitha dwar kwistjonijiet ta' governanza spazjali globali inkluż fil-ħolqien ta' ambjent spazjali sostenibbli; JIRRIKONOXXI r-rwol ċentrali tal-istandards fl-appoġġ tal-għanijiet tal-politika fir-rigward tal-oġġettivi biex jiġu sostnuti l-kummerċ, l-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku;
14. JENFASIZZA li s-settur spazjali, li jibbenefika mill-kollaborazzjoni mill-qrib bejn l-ESA, l-UE u l-Istati Membri rispettivi tagħhom, isaħħaħ il-pożizzjoni tal-ekonomija Ewropea fix-xena globali u huwa s-sinsla tal-awtonomija strateġika Ewropea f'ekonomija miftuħa; JISTENNA B'INTERESS iż-żieda fl-espansjoni tas-settur spazjali Ewropew lejn opportunitajiet tas-swieq madwar id-dinja, inkluż permezz ta' kollaborazzjoni globali akbar u sħubijiet fdati;

15. JISĦAQ fuq l-importanza ta' sistemi spazjali operazzjonali għall-protezzjoni u l-operazzjoni sigura ta' infrastruttura Ewropea u nazzjonali kritika, bħas-sistemi tal-enerġija u l-grilji tal-elettriku, inkluż il-monitoraġġ globali tat-temp spazjali u l-koordinazzjoni ta' miżuri preventivi; JIRRIKONOXXI l-urġenza li tissaħħaħ l-awtonomija Ewropea fir-rigward tas-sigurtà, is-sikurezza u r-reżiljenza fl-ispazju u permezz tiegħu; u JISSOTTOLINJA l-importanza li titkompla l-ħidma flimkien, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tal-UE, l-ESA u l-Istati Membri tagħhom, sabiex jiġu żgurati teknoloġiji, kapaċitajiet u ktajjen ta' provvista kritiċi b'mod immirat u bbilanċjat, kif ukoll jiġu definiti prijoritajiet ċari, biex b'hekk tissaħħaħ il-kompetittività tal-Ewropa;
16. JENFASIZZA, abbażi tal-Ftehim Qafas UE-ESA u f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri kollha, l-importanza li tissaħħaħ is-sħubija strateġika ESA-UE fid-diversi forum ta' kooperazzjoni tagħha bil-ħsieb li titrawwem ekonomija spazjali Ewropea kompetittiva globalment f'suq internazzjonali ta' sfida kbira, inkluż biex wieħed jibbenefika mill-Kunsill Spazju sabiex jinkisbu dawn l-oġettivi u tissaħħaħ il-koordinazzjoni għall-iżvilupp tal-Politika Spazjali Ewropea ġenerali.
-